# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2024**

**Numru 8**

**Rikors Numru 1104/2022TA**

**Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC-1216); u Anna Mallia (K.I 0261760M)**
**vs**
**GasanMamo Insurance Limited (C-3143); u Anton Cassar (K.I 0298195M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' Argus Insurance Company (Europe) Limited (is-Soċjeta' Attriċi) u ta' Anna Mallia (l-Attriċi) tas-17 ta' Novembru 2022 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi fit-13 ta' Frar 2022, seħħ inċident stradali fi Triq tal-Barrani, Żejtun fejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ANT795 misjuqa mill-intimat Anton Cassar u assigurata b'polza tal-assigurazjoni mas-soċjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited, laqtet il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BCO373, proprjeta' tar-rikorrenti Anna Mallia (kif jidher mil-*logbook* hawn anness bħala **Dok A**), liema vettura hija assigurata b'polza tal-assigurazzjoni mas-soċjeta' rikorrenti Argus Insurance Company

(Europe) Limited (kopja tar-rapport tal-Pulizija hawn annessa u mmarkata bħala **Dok B**);

2. Illi konsegwenza tal-inċident *de quo*, il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BCO373 soffriet ħsarat estensivi, tant li ġiet iddikjarata *total loss* kif imniżżel fis-*survey report* hawn anness bħala **Dok Ċ**;

3. Illi r-rikorrenti Anna Mallia fetħet *claim* taħt il-polza tal-assigurazzjoni mas-soċjeta' rikorrenti Argus Insurance Company (Europe) Limited u sabiex għamlet dan, hija ħallset *excess* ta' mitt Ewro (€100) kif jidher mill-irċevuta hawn annessa bħala **Dok D**;

4. Illi billi l-vettura BCO373 kienet assigurata fuq bażi *fully comprehensive*, is-soċjeta' rikorrenti Argus Insurance Company (Europe) Limited ħallset lir-rikorrenti (ossija, l-assigurata) Anna Mallia l-ammont ta' dsatax-il elf u ħames mitt Ewro (€19,500), kif jidher mill-*acceptance form* hawn annessa bħala **Dok E**;

5. Illi l-valur tar-*wreck* tal-vettura BCO373 huwa ta' erbat elef Ewro (€4,000) kif jidher mis-*survey report* ippreżentat bħala **Dok Ċ** u, kif jidher mill-irċevuta hawn annessa bħala **Dok F** liema ammont għandu għalhekk jiġi mnaqqas mid-danni reklamati;

6. Illi għalhekk, ir-rikorrenti sofrew danni fl-ammont ta' ħmistax-il elf u ħames mitt Ewro (€15,500);

7. Illi l-inċident *de quo* seħħ unikament tort tal-intimat Anton Cassar minħabba negliġenza, imperizja, traskuraġni u nuqqas t'osservanza tar-regoli tat-traffiku da parti tiegħu;

8. Illi għalhekk, l-intimat Anton Cassar u s-soċjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited, bħala l-kumpannija assiguratriċi li tkopri l-vettura ANT795, jew min minnhom, għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni sofferti mir-rikorrenti;

9. Illi minkejja li ġew interpellati sabiex jersqu għall-ħlas tad-danni hawn fuq imsemmija permezz ta' ittra uffiċjali datata 1 ta' Novembru 2022 (Ref nru 4652/2022) (kopja annessa u mmarkata **Dok G**), dawn baqgħu inadempjenti.

**Għaldaqstant,** ir-rikorrenti umilment jitlobu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

(i) Tiddikjara li l-intimat Anton Cassar huwa unikament responsabbli għall-inċident stradali tat-13 ta' Frar 2022 bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ANT795 misjuqa minnu u assigurata b'polza tal-assigurazzjoni mas-soċjeta' intimata GasanMamo Insurance Limited u, il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BCO373 proprjeta' tar-rikorrenti Anna Mallia, assigurata b'polza tal-assigurazzjoni mas-soċjeta' rikorrenti Argus Insurance Company (Europe) Limited;

(ii) Tiddikjara li r-rikorrenti sofrew danni fl-ammont ta’ ħmistax-il elf u ħames mitt Ewro (€15,500), jew kwalunkwe somma oħra verjuri, riżultat tal-inċident stradali tat-13 ta’ Frar 2022;

(iii) Tikkundanna u/jew tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti is-somma ta’ ħmistax-il elf u ħames mitt Ewro (€15,500), jew kwalunkwe somma oħra verjuri, rappreżentanti d-danni hekk sofferti;

Bl-ispejjeż inkluż dawn tal-ittri uffiċjali 4652/2022 u, bl-imgħax legali dovut sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-intimati, minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ GasanMamo Insurance Limited u Anton Cassar (is-Soċjeta’ konvenuta u l-konvenut rispettivament) tad-19 ta’ Diċembru 2022 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew s-segwenti:

1. Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda incident awtomobilistiku illi sehh nhar it-13 ta’ Frar 2022, fi Triq tal-Barrani, Zejtun u illi kien jinvolvi l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ANT 795 misjuqa mill-esponenti Anton Cassar, u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BCO 373, proprjeta` tal-attrici Anna Mallia u assigurata mas-socjeta` attrici Argus Insurance Company (Europe) Limited;

2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-Dritt u dan stante illi assolutament mhux minnu illi l-konvenut Anton Cassar kien b’xi mod jahti ghall-incident *de quo*, u dan kif jista’ jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

3. Illi inoltre, minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni ta’ responsabilita` tal-akkadut, l-konvenuti qieghdin jikkontestaw l-*quantum* tad-danni u l-atturi ghandhom iressqu kull prova valida skond il-Ligi sabiex jissostanzjaw l-ammont ta’ danni minnhom mitlub

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

Rat li din il-Kawża hija miexja ma' Kawża oħra fl-ismijiet GasanMamo Insurance Ltd vs Ryan Mallia Rikors numru 1091/22TA li wkoll tinsab fuq il-lista tal-kawżi tal-lum għas-Sentenza.

Rat il-verbal tad-19 ta' Jannar 2023 fejn il-partijiet qablu li l-provi f'din il-Kawża għandhom japplikaw għall-kawża l-oħra. Verbal simili sar fil-Kawża l-oħra. Għalhekk kull referenza għax-xhieda fil-kawża l-oħra ser ikunu indizzjati bin-numru 1091 apparti n-numru tal-folio. Fejn ma jkunx hemm dan l-indizzju jfisser li kull referenza għall-provi tkun ta' din il-Kawża.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-persuni mressqa mill-partijiet fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għas-Sentenza għal-lum.

**Punti ta' fatti**

Il-konvenut Anton Cassar huwa l-assigurat tas-Soċjeta' konvenuta. L-imsemmi kien involut f'inċident awtomobilistiku fit-13 ta' Frar 2022 meta kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru tal-pjanċa ANT 795. Dan ġara meta kellu kolliżjoni ma' vettura oħra bin-numru tal-pjanċa BCO 373 li kienet misjuqa minn Ryan Mallia, bin l-Attriċi li hija assigurata mis-Soċjeta' Attriċi.

L-atturi jsostnu li sofrew danni fl-ammont ta’ €15,000 naxxenti mill-inċident fuq imsemmi.

L-atturi jsostnu li l-konvenut Anton Cassar jaħti għall-inċident inkwistjoni u għalhekk qed jagħmlu din il-kawża biex jirriklamaw mingħandu d-danni minnhom sofferti.

**Punti ta’ Liġi**

Il-kawżali u t-talbiet kif mfassla f’din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw culpa aquilina lill-konvenut.

Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn culpa aquiliana fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F’azzjoni bħal din jispetta lill-attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni. Dan l-artikolu jistabilixxi illi “*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu”*. Min-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabbilita` akwiljana jiskatta l-prinċipju li min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu.

Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-‘bonus paterfamilias’. Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna li “min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-

istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawża u effett mad-danni sofferti" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

Huwa wkoll aċċettat fil-ġurisprudenza tagħna li "l-kolpa fil-każ ta` fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha billi wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**).

Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż; "*prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**).

Ikompli jingħad fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, illi tissussisti l-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*". U fis-sentenza fl-ismijiet **Michael D`Amato noe vs Filomena Spiteri et, deċiża minn din il-Qorti (PA/PS) fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`riferenza għall-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili jingħad:- "*Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennunċja l-prinċipju in virtu ta` liema l-leżjoni kaġjonata lis-suġġett tobbliga lill-awtur tal-leżjoni li jirriżarċixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tiegħu; Issa kif saput, il-fonti primarju tar-*

*responsabilita` ċivili hi ravviżata fl-imġieba imputabbli għal dolo jew culpa. Il-liġi ċivili tagħna ma tiddefinixix il-kolpa ċivili fl-għemil iżda tagħmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodiċi Ċivili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus għan-nuqqas ta` ħsieb, bi traskuraġni, jew b` nuqqas ta` ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew nuqqas ta` tħaris tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali”*.

Fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et vs Charles Grech et** ingħad illi:-

“… *jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut ma` d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l- ‘ħtija’, madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b`rieda iżjed minn sempliċi traskuraġni, iżda bil-ħsieb jew l-intenzjoni tal-ħażen li kellu jissarraf fit-teħid tal-kajjik tagħhom”*.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-fatti li tippreżenta din il-Kawża huma pjuttost sempliċi li ma kienx għall-fatt li għandna żewġ verżjonijiet għal kollox kontrastanti b’xi ħadd mill-

partijiet qiegħed jigdeb. Imma meta jiġri hekk, il-Qorti trid tiżen sewwa l-verżjonijiet tal-partijiet u tasal għall-konklużjoni liema waħda mill-verżjonijiet hija l-aktar verosimili u għandha l-aktar mis-sewwa.

Is-Soċjeta' konvenuta tgħid li l-assigurat tagħha, il-konvenut Anton Cassar, fit-13 ta' Frar 2022 kien ġej bil-vettura tiegħu minn Triq il-Barrani, lejn id-direzzjoni ta' B'Żebbuġia. Meta ġie biex idur għaż-Żejtun ġiet vettura oħra misjuqa minn Ryan Mallia, bin l-Attriċi, u daħlet fih. Huwa baqa' jsuq meta l-'lights' tiegħu kienu ħodor, mentri dawk ta' Ryan Mallia, li kien qed jaqsam min-naħa tal-LIDL kienu għadhom ħomor.

Il-verzjoni tal-konvenuti hija dijametrikament opposta għal dik mogħtija minn Ryan Mallia. Dan jgħid li l-'lights' tiegħu kienu ħodor filwaqt li l-konvenut Anton Cassar qed isostni l-istess ħaġa. (Ara a' fol 15 u ara wkoll a' fol 94 tergo xhieda tal-Pulizija kawża 1091).

F'sitwazzjoni bħal din il-Qrati dejjem sostnew li fid-dawl ta' żewġ versjonijiet kontrastanti, il-każ jirriduċi ruħu f'wieħed ta' kredibilita' u verosomiljanza tal-versjonijiet mogħtija mill-partijiet. Jinsab ravvisat fid-**Deċiżjoni fl-ismijiet Farruġia -vs- Farruġia, deċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966**, li "*il-konflitt fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn,*

*f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".*

Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet.

Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli.  Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' '*in dubio pro reo'*. (Ara **Sentenza fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilak, Qorti Ċivili Prim' Awla, 30 ta' Ottubru 2003**).

Issa l-Qorti fliet sewwa l-provi li għandha quddiemha u l-ewwel kweżit li ħasset tindirizza dwar jekk hux possibbli li 'traffic lights', li jirregolaw traffiku oppost,  minħabba difett tekniku jixgħelu kontemporanjament bl-istess kulur. Għaliex jekk huwa hekk allura ħadd mill-partijiet m'għandu tort. F'dan ir-rigward hija imprezzabbli x-xhieda teknika u dettaljata tar-rappreżentant ta' Transport Malta.

Ix-xhud Lee Bullock, għal Transport Malta, jixhed dwar ‘traffic lights’ V1 U V7. L-ewwel waħda hi minn fejn kien ġej Anton Cassar u l-oħra minn fejn kien ħiereġ Ryan Mallia. Dan jispjega li “*huma qatt ma huma mixgħulin flimkien… U bejniethom hemm ukoll margin of safety li inkejjlu skond id-distanza bejn waħda u l-oħra. Jiġifieri jekk nagħmlu xi żball il-programm hemm safety feature oħra li qatt ma jixgħelu mhux talli mhux flimkien talli hemm gap bejniethom*” (a’ fol 119 tergo u 130 kawża 1091). Mistoqsi jekk hux il-każ li jkun hemm ‘*malfunction’* fis-sens li jkollok żewġ ‘lights’ li ma jeqilbux kif suppost u allura jkun hemm ħabta minħabba fihom iwieġeb b’mod mill-aktar kategoriku “*Impossibbli*” (a’ fol 120 tergo kawża 1091).

Għalhekk fid-dawl li din il-Qorti m’għandha ebda prova li dawn iż-żewġ ‘lights’ xegħelu aħdar fl-istess ħin, il-konklużjoni hija li dawn ħadmu tajjeb u ergo xi ħadd mill-partijiet mhux jgħid is-sewwa.

F’dan ir-rigward ix-xhieda ta’ Kirsten Grech, li dakinhar kien ġej mill-istess direzzjoni ta’ Anton Cassar, titfa’ dawl determinanti fuq il-mekkanika tal-inċident . Dan ix-xhud, li wkoll kien ġej mill-istess direzzjoni ta’ Anton Cassar jiftakar li l-‘lights’ fuq dik il-karreġjata kienu ħomor. B’dana kollu l-karrozza li għaddiet minn ħdejh baqgħet ħierġa u ħabtet ma’ oħra li kienet ġejja min-naħa tal-LIDL. Ma jistax jgħid jekk il-‘lights’ min-naħa tal-LIDL kinux ħomor jew ħodor. (a’ fol 81 1104). Pero’, kif diġa’ intqal ma hemm xejn x’jindika li l-lights ma kinux qed jaħdmu sewwa. M’għandu jkun hemm ebda dubju li l-vettura li għaddiet minn ħdejn dan ix-xhud kienet dik

ta' Anton Cassar. Dan ix-xhud jgħid li ta n-numru tal-'mobile' tiegħu lil xi ħadd li ma jiftakarx minn kien. Ryan Mallia jgħid li l-'mobile number' kien tah lilu (al fol 100 1104).

Il-konvenuti għamlu diversi tentattivi biex jiskreditaw lil dan ix-xhud, iżda minn eżami tal-provi, din il-Qorti ma ssib xejn ċensurabbli f'dak li xehed. Jidher li huwa xhud kredibbli u indipendenti u wettaq l-obbligi ċivili tiegħu billi kien lest li joffri x-xhieda minkejja li ma jissemmiex fir-rapport tal-Pulizija. Lanqas ma tista' din il-Qorti ssib xi ċirkostanza fejn hemm indikat li dan ix-xhud għandu interess. Fis-sewwa, ma kellu minn ħadd u ma kien jaf lil ħadd mill-partijiet. Vera li hija ħaġa insolita li jkun hawn nies ta' din ix-xorta li jersqu minn jheddhom biex jaffermaw is-sewwa. Imma meta kultant tiġri ma jfissirx li dak li jkun mhux qiegħed jgħid is-sewwa għax resaq minn jheddu.

F'dan ir-rigward dawn il-Qrati jagħtu importanza għax-xhieda ta' persuni indipendenti. Fil-fatt intqal li "*bħal ma jiġri f`każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b`doża qawwija ta` apprezzament suġġettiv ta` dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju.*

*Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x`kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet"* (Emfażi tal-Qorti **Sentenza tal-Prim Awla tal-15 ta' Settembru, 2014 fl-ismijiet Nike Ventures Limited et -vs- John Patrick u Mary miżżewġin Hayman**). Di piu' l-Qorti tfakkar li fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni, f'dan il-każ il-konvenuti (Ara **Sentenza tal-P.A. tat-28 ta' April 2004 fl-ismijiet Frank Giordmaina Mediċi et vs William Rizzo et**).

Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-mod kif seħħ l-inċident jitkellem għalih inniffsu. L-awtur Ingliż Terrell fil-ktieb "The Law of Running-Down Cases", pag. 3 jagħmel din l-osservazzjoni:- "*In some areas arising out of road accidents it is unnecessary for the plaintiff to prove actual negligence on the part of the defendant, as the law will infer from the nature of the accident that the driver of the defendant's vehicle has been negligent. In other words the plaintiff may prove facts which in themselves do not establish an actual breach of duty by the defendant, but from which the law will assume that the burden of proving negligence has been discharged by the plaintiff, and the defendant will be in the position of having to meet a 'prima facie' case. If he does not, or cannot, rebut that 'prima facie case', judgement will be given against him. These facts may be either proved by the plaintiff or admitted on the pleadings. Such cases*

*of ‘res ipsa loquitur’ fall into well defined groups by reason of the courts having considered certain sets of facts which continually recur and having decided that in such circumstances the plaintiff has ‘prima facie’ established negligence against the defendant*”. Dwar din id-dottrina Giorgi (“**Obbligazioni” – Vol. V Pg. 157)** jgħid:- “*Vi sono fatti dannosi che non si sa se siano l’effetto di umana malizia, negligenza o imperizia, o se siano l’effetto di fortuito … o bene, in questi casi la colpa dev’essere provata direttamente. Vi sono, per contario, altri fatti dannosi che portano l’impronta della colpa, perche’ le nove volte su dieci dipendono appunto dalla umana malizia o imperizia. E quindi manifesto che in tali casi puo’ bastare la prova del danno, perche’ la colpa ne emerga come naturale presunzione, e debba l’autore del danno assumere la prova del fortuito, se voglia liberarsi”.*

Dwar l-istess dottrina **Davies jgħid hekk f’pag. 199 ta’ “The Law of Road Traffic**:-

*“In an action for negligence, the burden of proof rests upon the plaintiff and therefore, if he is to succeed in his claim, he must usually establish that what the defendant has done, or failed to do, would not have been done or omitted by a reasonable man exercising ordinary prudence. In this task, a plaintiff is sometimes assisted by the operation of the maxim res ipsa loquitur. In other words, if an accident happens which would not ordinarily happen if proper care is used, then the mere occurrence of the*

*accident is prima facie evidence of negligence, provided that defendant or his servants have sole control of the thing by which the accident is caused. In such circumstances, the facts speak for themselves if no explanation is given by the defendant*". F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (**Kolleż. Vol. XXIV.I.893 u Kolleż. Vol.XLI.II.1123)**

Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li huwa Anton Cassar, l-assigurat tas-Soċjeta' konvenuta li jaħti għall-inċident mertu ta' din il-Kawża.

Dwar id-danni sofferti mill-Atturi, dan jirriżulta mid-dokumenti minnhom esebiti (ara a' fol 22). Skond ix-xhieda ta' John Camilleri, l-ammont ta' danni li qed jitolbu f'din il-kawża huwa dak ta' €19,500 li minnu jrid jitnaqqas il-valur tal-karkassa li jiswa €4,000. Għalhekk l-ammont mertu ta' din l-kawża huwa dak ta' €15,500 (a' fol 66). Dawn il-ħsarat ma ġewx ikkontestati mill-parti l-oħra fir-risposta ġuramentata tagħhom u min-naħa l-oħra ma tressqu ebda provi ta' sustanza biex isostnu din l-eċċezzjoni. Għalhekk dawn huma d-danni sofferti mill-Atturi.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-konvenuti salv għall-ewwel waħda li ġiet eżawrita.

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tieni u t-tielet talbiet** Attriċi billi tillikwida d-danni soffferti mill-Atturi huwa fl-ammont ta' ħmistax -il elf u ħames mitt ewro (€15,500) u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-Atturi s-somma kif likwidata bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagamentt effettiv.

Spejjes għall-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**